# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, it-Ġimgħa, 31 ta' Jannar 2025**

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċċjali numru: 437/2020 BS**

**Awtorita' tal-Ippjanar**

**-vs-**

**Anthony Attard**

**Il-Qorti;**

**Rat r-rikors** ta' Anthony Attard[1] fejn espona bir-rispett;

*Illi l-esponenti ircieva ittra ufficcjali minn ghand l-Awtorita' tal-Ippjanar datata 20 ta' Ottubru 2020 u li ggib in-numru 437/2020;*

*Illi permezz ta' din l-ittra ufficcjali huwa gie intimat biex jhallas l-ammont ta' Eur 2,220.31c;*

*Illi din l-ittra ufficcjali giet mibghuta mill-Awtorita' tal-lppjanar ai termini tal-Artiklu 100 (5) u (6) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-ammont pretiz mhux dovut u dan stante illi l-Awtorita' tal-lppjanar ma ghamlet l-ebda azzjoni ta' infurzar u s-sit fit-fatt gie mnaddaf mill-esponenti;*

[1] Rikors a fol 1.

*Illi oltre dan l-Awtorita' riedet li taghmel azzjoni ta' infurzar fuq razzett li kellu l-permessi kollha kif fil-fatt irrizulta tant li dan ghadu hemm sallum;*

*Ghaldaqastant l-esponenti qed jinterponi dan ir-rikors ai termini tal-Artiklu 100 (7) tal-Kap 552 stante li l-ammont mitlub mill-Awtorita' tal-Ippjanar mhux dovut u biex il-Qorti tiddikjara l-pretensjoni tal-Awtorita' bhala wahda infondata.*

**Rat ir-risposta tal-Awtorita' tal-Ippjanar[2] li permezz tagħha eċċepiet:**

*Illi r-rikors tar-rikorrenti ghandu jigi michud billi:*

1. *L-oggezzjonijiet u l-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti rigwardanti il-hlas mitlub mill-Awtorita' permezz tal-lttra Ufficjali Numru 437/2020 ma fihom l-ebda siwi la fattwali u lanqas legali;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma ghandux jinqeda b'dan ir-rikors u b'dawn il-proceduri sabiex jikkontesta l-mertu per se tal-enforcement notice;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu li l-Awtorita' tal-lppjanar ma wettqet l-ebda azzjoni ta' infurzar u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu li strutturi fuq is-sit mertu tal-Avviz ECF 364/13 huma kolpiti bi permessi;*

*Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet tar-rikorrenti, inkluz dik sabiex il-Qorti tiddikjara li l-ammont mitlub mill-Awtorita' ma huwiex dovut, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** il-kopja tal-ittra uffiċjali 437/2020 datata l-20 ta' Ottubru, 2020, mibgħuta mill-Awtorita' tal-Ippjanar lill kontendent Anthony Attard, u

[2] Risposta a fol 10 u 11.

tad-dokumenti ossia fattura u dikjarazzjoni tac-*chairman* eżekuttiv tal-istess awtorita' annessa ma' l-istess ittra.[3]

**Rat** li fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2023 ir-rikorrent iddikjara l-provi tiegħu magħluqa.[4]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023 l-Awtorita' tal-Ippjanar obbligat ruħha li tezebixxi *block plan* juri l-istrutturi li kienu preżenti fuq is-sit ta' Anthony Attard wara l-1978 b'nota li biha talaq ukoll il-provi tagħha.[5]

**Rat** li fl-istess udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-eżamijiet eżawriti bil-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni finali.[6]

**Rat** li in ottemperanza mal-verbal tas-17 ta' Novembru, 2023, fis-17 ta' Settembru, 2024 l-Awtorita' tal-Ippjanar esibit diversi ritratti mill-ajru kif ukoll *block plan* juri l-istrutturi preżenti fuq is-sit ta' Anthony Attard tul iż-żmien bi spjega ta' liema minnhom nbnew wara l-1978.[7]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Semgħat** it-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.[8]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2024 il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.[9]

**Provi:**

---

[3] Ittra a fol 3, timbru tan-notifika a fol 5, fattura a fol 6, dikjarazzjoni mhux paginata.
[4] Verbal a fol 119.
[5] Verbal a fol 172 u 173.
[6] Verbal a fol 172 u 173.
[7] Nota a fol 176, *site plan* turi iz-zona milquta bl-avviz ta' infurzar numru ECF 364/13 a fol 178, *aerial photo* juri l-istrutturi ezistenti fl-1978 a fol 179, *aerial photo* juru z-ziedit ma' l-istrutturi ezistenti fl-1978 li sehhu sa' l-1994 a fol 180, *aerial photo* juru z-ziedit addizzjonali ma' l-istrutturi ezistenti fl-1978 konsistenti f'zieda fil-*footprint* utilizzata bhala *scrapyard* kif maghmulha sa' l-2008 a fol 181, *aerial photo* juri l-istrutturi mizjuda ma' dawk ezistenti fl-1978 kif ukoll l-estensjoni ta' l-i*scrapyard* u d-depozitu ta' materjal inerenti u ta' vetturi mitluqa sa qabel hadet l-azzjoni diretta l-Awtorita' tal-Ippjanar a fol 182, *aerial photo* juri s-sitwazzjoni wara l-azzjoni diretta mehudha mill-Awtorita' tal-Ippjanar u kif jidher is-sit in mertu – inkluz l-istrutturi ezistenti fuqu – fl-2016 a fol 183. *Aerial photo* kompriz fih *block plan* juri l-istat tal-istrutturi attwalment ezisetenti fuq is-sit, liema minnhom kienu jezistu fl-1978 u liema zdiedu wara a fol 184.
[8] Trattazzjonijiet orali tas-16 ta' Ottubru, 2024.
[9] Verbal a fol 185.

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Mark Cini**, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed[10] li l-każ odjern beda b'rapport li sar lis-sezzjoni tal-infurzar li f'zona fix-Xagħra, Għawdex, fi proprjeta' konsistenti f'għalqa 'l barra miz-zona tal-iżvilupp skedata għal raġunijiet arkeoloġiċi kien qed jintefa xi materjal – *scrap* - u oġġetti oħra.

Jesibixxi kopja tar-rapport bir-ritratti mehmuża miegħu.[11]

Jgħid li minn riċerka li saret abbażi tas-*survey sheet* tal-1968 u r-ritratti mill-ajru tal-1957 u tas-snin ta' wara rriżulta li oriġinarjament fuq is-sit in kwistjoni ma' kien hemm ebda żvilupp jew attivita' b'dan li aktar tard kienu bdew jinżammu diversi vetturi u saru wkoll strutturi mingħajr permess.

Jesibixxi kopja tas-*survey sheet* tal-1968,[12] l-avviż ta' skedar tas-sit,[13] u r-ritratt mill-ajru tal-1957 li jindika li s-sit kien vojt[14] mentri ritratti ta' wara juru li s-sit imtela oġġetti u strutturi.[15]

Jgħid li għal din ir-raġuni nħareġ l-avviż tal-waqfien u twettieq numru ECF 00364/13 kontra Anthony Attard. Iżid li r-raġuni mogħtija kienet *"ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti minn bdil ta uzu ta' art minn dik agrikola ghal dik fejn qieghed jigi depozitat vetturi u materjal ta' minghajr uzu kif ukoll fejn bnejt numru ta' kmamar u stutturi ghat-trobbija ta' l-annimali fuq art skedata".*

Jesibixxi kopja tal-avviż flimkien mas-*site plan* u l-*pink card* tal-*MaltaPost*.[16]

Jgħid li Attard ġie debitament notifikat bl-avviż.

---

[10] Traskrizzjoni a fol 43 sa 43o.
[11] Rapport bir-ritratti a fol 44 sa 47.
[12] *Survey sheet* a fol 59 – fil-fatt indiakat bhala *survey sheet* tal-1967.
[13] Avviz a fol 60.
[14] Ritratt a fol 61.
[15] Ritratti a fol 62 u 63.
[16] Kopja tal-avviz a fol 64, *site plan* a fol 65, *pink card* li turi li l-avviz wasal ghand Attard a fol 66.

Jgħid li Attard m'għamel ebda appell mill-avviż tal-waqfien u twettiq u anqas applika sabiex jirregolarizza l-iżviluppi llegali. Jgħid li għalhekk, wara li għadda z-żmien mogħti fl-istess avviż beda l-proċess sabiex l-iżvilupp illegali jitneħħa.

Jgħid li idealment, f'tali sitwazzjoni, l-illegalitajiet jitneħħew mill-individwu wara li jsiru diskussjonijiet miegħu. Iżid li tali ndividwu jkun infurmat ukoll li jekk ma' jneħħix l-illegalitajiet hu tgħaddi sabiex tneħħihom l-Awtorita'.

Jesibixxi sensiela ta' ritratti li juru l-oġġetti u strutturi llegali li nstabu fuq is-sit ta' Attard.[17]

Jgħid li l-aħħar ritratt juri li Attard kien neħħa xi ħaga żgħira mill-ħwejjeġ illegali li kien hemm fuq is-sit. Iżid li Attard kien ġie nfurmat li ma' kienx neħħa biżżejjed u li l-Awtorita' kienet qed tipprepara sabiex tmur tagħmel dak li kien hemm bżonn hi.

Jgħid li Attard reġgħa ġie mitkellem mill-Awtorita' fil-25 ta' Novembru, 2015, eżatt qabel ma' l-Awtorita' marret tneħħi hi l-iżvilupp. Iżid li mbagħad, fil-11 ta' Diċembru, 2015 l-Awtorita' marret fuq il-post sabiex tibda tagħmel dak li kien hemm bżonn u allura sabiex tibda bid-*direct action*.

Jgħid li malli l-Awtorita' bdiet bid-*direct action* ġiet mwaqqfa b'mandat. Jesibixxi ritratti addizzjonali kif ukoll kopja tad-digriet li waqqaf id-*direct action*.[18] Jesibixxi wkoll ir-rapport ta' x'kien sar waqt id-*direct action* li juri wkoll kemm persuni u vetturi kienu nvoluti fl-istess *direct action*.[19]

Jgħid li wara dan Attard baqa' jiġi mħeġġeġ ineħħi kemm jista' mill-illegalitajiet. Jesibixxi ritratti addizzjonali li juru li minkejja dan Attard ftit li xejn neħħa.[20] Iżid li hawnhekk inħarrġu wkoll il-kontijiet tad-*direct action* li jippreżenta kopja tagħhom flimkien mal-*pink card* li turi li l-istess waslu għand Attard.[21] Jesibixxi wkoll kopja tal-ittra uffiċjali li biha ġie notifikat Attard u fejn intalab iħallas l-ammont pretiz.[22]

---

[17] Ritratti a fol 67 sa 73.
[18] Ritratti a fol 50 u 51. Digriet fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 49/2015 PC a fol 52 sa 54.
[19] Rapport a fol 56 sa 59.
[20] Ritratti addizzjonali a fol 74 sa 78.
[21] Kont a fol 48, *pink card* a fol 49.
[22] Ittra a fol 91 sa 92a.

Jgħid li mill-aħħar spezzjonijiet li saru jirriżulta li s-sit għadu ma' tnaddafx mil-illegalitajiet kommessi minn Attard.

*Il-Qorti tikkonferma ma' l-avukat difensur tal-Awtorita' tal-Ippjanar li l-mandat imsemmi gie rtirat. L-avukat difensur ta' Attard jikkonferma li l-mandat gie rtirat abbazi ta' ftehim.*

Jerga jgħid li Attard baqa' jiġi mħeġġeġ ineħħi l-illegalitajiet mis-sit anke stante li l-istess sit huwa ta' importanza arkeologika u jinsab f'zona arkeologikament sensittiva.

Jgħid li wara l-mandat irriżulta li kellu jitneħħa l-iżvilupp kollu li ma' jidhirx fir-ritratti mill-ajru meħuda fl-1957 u anqas fis-*survey sheet* tal-1968. Jgħid li l-uniċi strutturi li jistgħu jibqgħu fuq is-sit huma dawk li kienu mibnija qabel l-1957.

Mistoqsi jekk wara d-*direct action* kienx hemm diskussjonijiet ma' Attard dwar tali strutturi li kienu ser jintmessu fid-*direct action* jgħid li dak li jirriżulta huwa li l-Awtorita' żammet diskussjonijiet ma' Attard kemm wara kif ukoll qabel id-*direct action*.

Mistoqsi mil-Qorti dwar xiex inħareġ l-avviż ta' infurzar jgħid li tali avviż inħareġ fil-konfront ta' dak imniżżel fih. Iżid li allura nħareġ fuq l-illegalitajiet ta' żvilupp, kemm bini kif ukoll bdil ta' użu, riskontrat fuq is-sit li kien għalqa u nbidel fi *scrapyard*. Iżid li bħala kmamar dan kien jolqot kmamar li ma' kienux eżistenti qabel. Jgħid li kmamar ma' twaqqawx u l-kont ma' nħariġx dwar twaqqiegħ ta' kmamar.

Jgħid li l-kont inħareġ biss fuq dak li tneħħa.

Mistoqsi mill-Qorti sabiex jiċċara, jikkonferma li l-avviż inħareġ fuq strutturi mibnija wara b'dawk li kienu diġà eżistenti ma' ġewx affettwati bid-*direct action* u ma' kienux ser jintmessu.

Jinsisti li l-kont inħareġ fuq dak li sar, mhux dak li ma sarx. Iżid li kien fadal ħafna xi jsir u ma' sarx. Jerġa jgħid li l-avviż inħareġ sabiex jitneħħa materjal u jitwaqqgħu strutturi li saru wara, mhux dawk li kienu antiki u dehru fir-ritratti mill-ajru tal-1957.

Jispjega fiex jikkonsisti l-kont li nħareġ mill-Awtorita' lill Attard.[23]

Mistoqsi jekk fl-istess jum li saret id-*direct action* kontra Attard saritx *direct action* oħra ġewwa Għawdex jgħid li m'għandux informazzjoni dwar hekk. Jgħid li meta jkun hemm aktar minn *direct action* waħda fl-istess ġurnata l-ispejjeż jinqasmu.

**Xehed ulterjorment[24]** li l-kont mibgħut lill Anthony Attard jirrigwarda *direct action*. Iżid li l-Awtorita' tal-Ippjanar qed titlob li tirkupra l-ispejjeż li għamlet in konnessjoni ma' l-istess.

Jgħid li d-*direct action* saret nhar il-11 ta' Diċembru, 2015 wara l-avviż ta' infurzar numru ECF 364/13.

Jgħid li d-*direct action* fis-sit ta' Attard saret f'ġurnata fejn saret *direct action* oħra, f'sit ieħor. Iżid li l-kont mibgħut lill Attard kien ikopri 40% tal-ispejjeż li għamlet l-Awtorita' dakinhar. Jgħid li dan kif diġà xehed Charlie Gafa', uffiċjali ieħor tal-Awtorita'.

Jesibixxi kopja tal-fattura ma' liema hemm inkluż il-kont maħruġ mill-Awtorita' kif maqsum fi tliet partijiet; parti turi l-impjegati u uffiċjali tal-Awtorita' li kienu fuq is-sit, parti tirrigwarda l-vetturi utilizzati u spejjez tat-traġitt inkluż bil-vapur ta' Għawdex, u parti tinkludi spejjez addizzjonali. Iżid li ma' tali spejjez jiżdiedu wkoll 20% spejjez amministrattivi tal-Awtorita'.[25]

Jiċċara li l-20% tiġi kalkolata biss fuq l-ispejjeż proprji tal-Awtorita' mhux ukoll ta' kuntratturi terzi ngaġġati minnha u tal-pulizija.

Jgħid li għalhekk is-*subtotal* tal-Awtorita' kien ta' EUR 392.61 ma liema mbagħad żdiedu l-ispejjeż tal-kuntratturi terzi u l-pulizija. Iżid li l-pulizija huma meħtieġa sabiex tinżamm l-ordni u anke tidderieġi t-traffiku minħabba l-vetturi kbar li jiġu utilizzati waqt azzjoni diretta. Jgħid li huma l-pulizija stess li jiddeċiedu kemm uffiċjali jkunu meħtieġa.

[23] Ref.: fol 43j sa 43n.
[24] Traskrizzjoni a fol 123 sa 128.
[25] Fattura numru 9092 a fol 137, kont a fol 138.

Jelenka l-kontijiet tal-kuntratturi terzi. Iżid li t-total sħiħ finalment tela' għal EUR 2,220.31. Jirrepeti li dan huwa 40% tat-total tal-ispejjeż inkorsi mill-Awtorita' dakinhar.

Jesibixxi l-fatturi tal-pulizija u tal-kuntratturi terzi. Iżid li l-Awtorita' issaldat kull fattura u jesibixxi provi dwar il-ħlasijiet relattivi.[26]

Jgħid li minn fuq is-sit ta' Attard tneħħew xi oġġetti iżda is-sit għadu mhux regolarizzat kompletament. Iżid li appell mill-avviż ta' infurzar ma' sarx u anqas saret applikazzjoni għar-regolarizzazzjoni.

**In kontro-eżami**, xehed[27] li x-xogħol tad-*direct action* fuq is-sit ta' Attard waqaf fl-10.15am meta wasal il-mandat. Iżid li fuq il-fattura tal-pulizija hemm imniżżel li x-xogħol beda fil-5am. Iżid li dak huwa l-ħin li l-pulizija ffatturat lill-Awtorita' mhux il-ħin li fih inbeda u ntemm ix-xogħol. Jgħid li hu ma jafx x'ħin bdiet l-operazzjoni fuq is-sit iżda jaf li ntemmet fil-11am.

Mistoqsi jekk il-pulizija li attendew fuq is-sit kienux minn Malta jew minn Għawdex jgħid li ma' jafx.

Jgħid li l-uffiċjali tal-Awtorita' wkoll bdew jiffatturaw mill-5am.

Jgħid li huwa ma' kienx involut fid-*direct actions* li saru dakinhar u jixhed biss mid-dokumenti li esibixxa u dak li sab fil-fajl relattiv.

Mistoqsi minn ikun iddeċieda li l-kont jinqasam f'40% għas-sit ta' Attard u 60% għas-sit l-ieħor soġġettat għad-*direct action* fl-istess jum jgħid li tali deċiżjoni tittieħed minn Charlie Gafa'.

Rigward l-20% spejjez amministrattivi li żżomm l-Awtorita' jgħid li ma' jafx jekk l-istess tirriżultax minn Avviż Legali. Iżid li jaf li hija l-proċedura adoperata mill-Awtorita'.

**Charles sive Carmel Gafa'**, *Principal Direct Action Officer* fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed[28] li dwar is-sit fi Pjazza San Anton, ix-

[26] Fatturi u prova ta' hlas mill-Awtorita' lkoll a fol 139 sa 156.
[27] Traskrizzjoni a fol 128 sa 136.
[28] Traskrizzjoni a fol 94 sa 109.

Xagħra, Għawdex, l-avviż ta' infurzar li nħareġ kien sabiex is-sit jerġa jiġi ritornat għal-art agrikola. Iżid li avviż ta' infurzar dejjem jinħareġ għat-treggih lura ta' sit għall-istat oriġinali li fih kien is-sit sakemm ma' kienx hemm permessi.

Jgħid li fuq is-sit in mertu rriżulta li qatt ma' ntalbu u qatt ma' kien hemm permessi. Jgħid li rriżulta wkoll li kien hemm xi strutturi li kienu eżistenti qabel l-1978. Iżid li tali strutturi s-sid seta' potenzjalment japplika għas-sanzjonar tagħhom.

Mistoqsi x'kienu l-istrutturi eżistenti jgħid li jifhem li dawn kienu jintużaw anke bħala razzett. Iżid li s-*survey* tal-1978 jinkludi biss partijiet minn tali strutturi.

Jgħid li fir-ritratt mill-ajru tal-1978 jirriżulta dak li kien jeżisti qabel l-1978. Iżid li l-fatt li porzjon mill-istrutturi kien jeżisti kif ingħad ma' jfissirx li l-istess ikun approvat. Jgħid li wieħed xorta jkollu japplika sabiex jissanzjonah. Jgħid li għalhekk anke tali partijiet ta' qabel l-1978 l-Awtorita' setgħet twaqqagħhom. Jgħid li l-Awtorita' tagħżel li ma' twaqqax tali bini bħala prassi.

Jgħid li l-Awtorita' tqies biss bħala *"deemed approved"* dawk il-binjiet li jirriżultaw eżistenti qabel l-1967. Jgħid li fil-każ in mertu fis-*survey sheets* tal-1967 ma' jidhrux strutturi.

Jgħid li hu kien hemm dakinhar tad-*direct action* fuq is-sit ta' Attard. Jgħid li dakinhar huma ġew minn Malta bl-apparat b'kollox. Jgħid li l-post ta' Attard huwa prekarju bl-aċċess għalih huwa dejjaq b'dan li kellhom għalhekk iġibu nġenji partikolari. Jgħid li mill-illegalitajiet kollha li kien hemm, sa dak il-mument huma iffokaw u llimitaw ruħhom biss fuq l-iskart.

Jgħid li ma' tantx damu jaħdmu stante li għal xil-11am, il-11.15 waslilhom il-mandat sabiex jieqfu.

Jgħid li bħala fatturar id-*direct action* tibda tiġi fatturata mill-ħin li jitilqu minn Malta sa x'ħin jidħlu lura. Iżid li meta fl-istess ġurnata jsiru aktar minn *direct action* waħda, huma jirċievu l-kontijiet mingħand il-kuntratturi varji u l-pulizija u jinkludu magħhom il-ħin ta' l-uffiċjali tagħhom u spejjez tat-trasport, inkluż bejn sit u sit ieħor. Jgħid li dawn

il-valuri mbagħad jinqasmu, in kwantu trasport, f'perċentwali bejn is-sidien tas-siti tal-ġurnata allura; nofs bin-nofs jekk ikun hemm żewġ *direct actions*, mentri x-xogħol ta' tneħħija tal-illegalitajiet' jinqasam ukoll f'perċentwali skont il-ħin meħud fuq kull sit.

Jgħid li dakinhar tal-kont in mertu huma għamlu żewġ *direct actions*.

Jgħid li fuq is-sit ta' Attard bdew fis-7.45am. Iżid li minn Malta kienu telqu fil-5am. Iżid li damu fuq is-sit sal-11am. Jgħid li fuq is-sit l-ieħor bdew fil-11.15am u damu sal-4pm. Iżid li għalhekk l-ispejjeż tat-trasport inqasmu nofs bin-nofs bejn iż-żewġ siti mentri lill Attard żammewlu mis-7.45am sal-11am.

Mistoqsi jekk allura persuna suġġetta għall-avviż ta' infurzar li tkun Għawdex teħelx spejjez akbar minn persuna li tkun Malta jgħid li mhux neċessarjament. Iżid li anke Malta jiffatturaw minn x'ħin jitilqu sa x'ħin jidħlu lura u bosta drabi jeħlu fit-traffiku, isibu ostakoli eċċ.

Mitlub jesibixxi riċevuta ta' fejn intrema l-iskart li ttieħed mingħand Attard, jobbliga ruħu li jesibixxi l-istess.

Jgħid li dwar Għawdex huma dejjem jikkombinaw aktar minn *direct action* waħda proprju sabiex itaffu l-ispejjeż tat-traġitt billi dawn jinqasmu bejn kull sit.

**In kontro-eżami**, xehed[29] li huma dejjem jikkombinaw aktar minn azzjoni diretta waħda speċifikatament sabiex iżommu l-ispejjeż baxxi iżda anke sabiex jekk jitwaqqfu b'mandat ikunu jistgħu jaħdmu mkien ieħor mingħajr ma' jiffattruaw l-ispejjeż tat-traġitt kollha lis-sit fejn ikun inħareġ il-mandat.

Jgħid li qabel ma' għamlu l-azzjoni diretta huma kkomunikaw ma' Attard aktar minn darba. Jgħatti rendikont tad-diversi drabi li hu stess tkellem ma' Attard.[30] Jgħid li Attard ġie nfurmat li ser jinħareġ avviż ta' infurzar b'wara ġie nfurmat li jekk ma' kienx ser ineħħi l-illegalitajiet sa ċertu żmien kienu ser jitteħdu passi ulterjuri. Iżid li Attard m'għamel xejn u għalhekk proċedew bid-*direct action*.

[29] Traskrizzjoni a fol 109 sa 111.
[30] Ref.: rendikont a fol 110.

Jgħid li wara li rċevew il-mandat, l-avukat difensur ta' Attard kitbilhom jgħid li Attard kien ser ineħħi l-illegalitajiet u japplika għas-sanzjonar. Iżid li sussegwentement il-mandat ġie ċedut iżda l-applikazzjoni għadha ma saritx.

Jesibixxi kopja ta' emajl li kienu rċevew mingħand l-avukat difensur ta' Attard.[31]

**Xehed ulterjorment**[32] li l-azzjoni diretta in mertu hija dik numru 364/13. Iżid li hu ħa ħsieb li titwettaq tali azzjoni u għamel hekk sakemm twaqqfu b'mandat.

Jgħid li l-iskart miġbur fl-azzjoni diretta in mertu ntrema għand Nenu Grima *Tal-Gigu*. Jgħid li b'kollox kien hemm qisu għaxar tunnellati ta' materjal inert. Jesibixxi l-irċevuti maħruġa minn Nenu Grima.[33]

Dwar it-twaqqih tal-mandat jgħid li kien sar qbiel li jitkompla t-tindif mis-sit filwaqt li Anthony Attard jirregolarizza l-istrutturi li kien hemm u saru tul iż-żmien. Iżid li mid-dokumenti storiċi tas-sit huwa ċar x'kien hemm bħala strutturi antiki u xi żdied magħhom.

Jgħid li mat-twaqqif tal-azzjoni diretta ma' kienu twaqqgħu ebda strutturi.

Jgħid li ma' Attard iltaqa' kemm il-darba mentri mal-avukat tiegħu ltaqa' darba b'dan li kien hemm komunikazzjonijiet. Iżid li fost il-komunikazzjonijiet l-avukat ta' Attard kitbilhom li Attard kien ser jirregolarizza l-istrutturi u jneħħi l-illegalitajiet.

Jgħid li s-sit ta' Attard ma' laħaqx ġie mnaddaf kif suppost qabel twaqqfet l-azzjoni diretta bil-mandat. Iżid li wara kien sar xi xogħol ta' tindif addizzjonali mis-sid – Attard – iżda dan ma' kienx biżżejjed.

**In re-eżami**,[34] xehed li Attard jgħid li l-istrutturi fuq is-sit kienu jintużaw bħala razzett tal-bhejjem.

---

[31] Emajl tas-7 ta' Jannar, 2016 a fol 112.
[32] Traskrizjzoni a fol 158 sa 161.
[33] Ircevuti a fol 171.
[34] Traskrizzjoni a fol 162 sa 170.

Jgħid li fil-każ in mertu l-kont kien ikopri żewġ azzjonijiet diretti separati. Jgħid li għalhekk l-ispejjeż tat-traġitt tal-uffiċjali tal-Awtorita' minn x'ħin telqu minn Malta sakemm damu bl-azzjoni diretta inqasmu bejn tnejn, b'dawn inġabru għalhekk minn fuq iż-żewġ *contravenors*. Iżid li l-ispejjeż tal-kuntratturi u tal-pulizija, imma mhux dawk tal-materjal miġbur li jiġi assenjat lis-sit min fejn jinġabar, jiġu wkoll maqsuma iżda a proporzjon tal-ħin li jkunu damu fuq is-sit.

Mistoqsi kif xehed li fuq is-sit ta' Attard damu sal-11am meta l-irċevuta tal *Gigu* dwar ir-rimi tat-terrapien tgħid li daħlu jarmu fl-10.30am[35] u trid tlett kwarti sabiex tasal mix-Xagħra s'għand il-*Gigu* San Lawrenz jgħid li t-trakkijiet m'humiex l-aħħar makkinarju li joħroġ mis-sit.

Jaqbel li għalkemm qal li mhux ser joqodu jfittxu għal kwarta jew nofs siegħa, siegħa xogħol f-azzjoni diretta tiswa' mijiet kbar.

Jgħid li huma jiffatturaw sal-mument li jkun hemm *total clearance* tas-sit. Iżid li f'dan il-każ minn fuq is-sit ta' Attard telqu fil-11am.

**Anthony Attard**, rikorrent, xehed[36] li s-sit in mertu dejjem razzett kien u qatt ma' kien art agrikola. Iżid li ilu mibni żmien twil. Jgħid li huwa għandu 66 sena u dejjem hemm jafu.

Jgħid li fir-razzett missieru kien irabbi l-majjali u llum hemm nagħaġ, tiġieġ, eċċ.

Jgħid li l-Awtorita' tal-Ippajnar lilu qaltlu biss sabiex uliedu ma' jħallux il-karozzi barra fejn kienu jpoġġuhom u dwar xi imbarazz li f'razzett jirriżulta b'mod naturali. Jgħid li dwar bini qatt ma' qalulu xejn.

Jgħid li huma neħħew il-karozzi bir-rappreżentanti ta' l-Awtorita' marru lura jaraw huma stess.

Mistoqsi x'gara dakinhar tal-azzjoni diretta jgħid li hu ma' jafx għalfejn tal-Awtorita' marru bi trakkijiet u gafef tant kbar. Iżid li b'tali nġenji mank biss setgħu jidħlu għax ir-razzett aċċessibbli biss min sqaq dejjaq.

[35] Ref.: ircevuta minn tnejn – dik numru 002682 – a fol 171.
[36] Traskrizzjoni a fol 115 sa 118.

Mistoqsi kemm kienu marru trakkijiet u gafef jgħid li ma' jafx iżda jaf li kienu mlew pjazza.

Jgħid li l-Awtorita' ma' messewx ġebla waħda iżda neħħew biss xi ftit mill-imbarazz li semma bħala naturali għal-razzett. Jgħid li neħħew biss nofs gaffa mbarazz.

**Ikkunsidrat:**

**Preliminari:**

B'din l-istanza l-attur Anthony Attard wara li ppremetta li huwa ġie notifikat bl-ittra uffiċjali numru 437/2020 magħmulha kontrih mill-Awtorita' konvenuta fl-20 ta' Ottubru, 2020 u li biha ġie ntimata iħallas lill-Awtorita' konvenuta s-somma ta' EUR 2,220.31 ai termini tal-Artikolu 100 (5) u (6) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta; ippremetta li l-ammont pretiż m'huwiex dovut stante li l-istess Awtorita' m'għamlet ebda azzjoni diretta ta' infurzar fuq is-sit tiegħu aċċessibbli minn sqaq li jagħti għal-Pjazza Sant' Anton fix-Xagħra, Għawdex bis-sit kien fil-fatt ġie mnaddaf minnu stess. Żid jippremetti wkoll li l-Awtorita' konvenuta riedet tagħmel azzjoni ta' infurzar fuq razzett li kellu l-permessi kollha meħtieġa kif skontu fil-fatt irriżulta tant li għadu hemm sal-lum.

L-attur talab għalhekk sabiex l-ammont pretiż mill-Awtorita' konvenuta jiġi dikjarat bħala mhux dovut bil-pretensjonijiet tal-istess Awtorita' jiġu dikjarati bħala nfondati.

L-Awtorita' tal-Ippjanar konvenuta laqgħat għal dan billi eċċepiet li l-oġġezzjonijiet u l-kontestazzjonijiet tal-attur dwar l-ammont mitlub mingħandu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Eċċepiet ukoll li l-attur m'għandux jinqeda b'kawża bħal dik odjerna sabiex jikkontesta l-mertu proprju tal-avviż ta' infurzar. Eċċepiet ulterjorment li m'huwiex minnu li hija ma' wettqet ebda azzjoni diretta kif ukoll li m'huwiex minnu li l-istrutturi eżistenti fis-sit tal-attur huma lkoll koperti bil-permessi neċessarji.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel tibda bil-kunsiderazzjonijiet legali din il-Qorti tħoss li huwa opportun li jsir riassunt fil-qosor tal-fatti saljenti li taw lok għall-kawża li waslet għal din id-deċiżjoni.

M'huwiex ikkontestat li l-attur ġie notifikat bl-ittra uffiċjali numru 437/2020 mibgħuta lilu mill-Awtorita' tal-Ippjanar konvenuta u datata l-20 ta' Ottubru, 2020. Dan jirriżulta mit-timbru tan-notifika a fol 5 tal-proċess u jiddikjarah ukoll l-attur stess fl-ewwel premessa tar-rikors promotur tiegħu filwaqt li anke jagħnetti kopja tal-istess ittra uffiċjali mal-istess rikors tiegħu.[37]

Tali ittra uffiċjali, apparti li telenka l-proviżjonijiet tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli għalija u għad-drittijiet tal-attur marbuta magħha, tagħmel referenza ghall-Avviż ta' Infurzar numru ECF 00364/13, għall-azzjoni diretta magħmulha mill-Awtorita' nhar il-11 ta' Diċembru, 2015, kif ukoll għal-valur ta' EUR 2,220.31 mitluba mill-attur bħala rimbors tal-ispejjeż inkorsi mill-Awtorita' rigward l-azzjoni diretta.

L-ittra tinkludi wkoll kopja tal-fattura maħruġa mill-Awtorita' konvenuta lill-attur bin-numru 9092 għall-istess total ta' EUR 2,220.31,[38] kif ukoll dikjarazzjoni tac-*chairman* eżekuttiv tal-Awtorita' fejn jikkonferma tali ammont bil-ġurament tiegħu filwaqt li jagħti wkoll spjegazzjoni taċ-ċirkostanzi li wasslu sabiex l-istess huwa dovut mill-attur lill-Awtorita'.

Il-proċeduri li ttieħdu mill-Awtorita' konvenuta li wasslu ghall-invijar tal-ittra uffiċjali numru 437/2020 jirriżultaw mid-dokumenti esibit mix-xhud rappreżentant l-istess Awtorita', Mark Cini, ikkunsidrati flimkien max-xhieda tal-istess Mark Cini.[39]

Minn hawn, jirriżulta ampjament ċar li:

i. l-Awtorita' tal-Ippjanar irċievit rapport dwar is-sit proprjeta' tal-attur Anthony Attard, aċċessibbli minn sqaq dejjaq li jagħti għal Pjazza Sant' Anton, ix-Xagħra, Għawdex. Ir-rapport kien jindika li tali sit, li huwa ta' importanza arkeoloġika u jinsab f'zona ta' sensittivitia' arkeoloġika, kien suġġett għal-varji llegalitajiet

[37] Ref.: kopja tal-ittra ufficjali numru 437/2020 a fol 3 sa 6, b'pagna ulterjrui bejn il fol 6 u 7 li mhijiex paginata.
[38] Ref.: fattura a fol 6.
[39] Ref.: dokumenti varji a fol 44 sa 92.

konsistenti f'bini miżjud ma' dak pre-ezistenti s-sena 1978 kif ukoll fid-depożitar ta' materjal inerenti u vetturi mkissrin;[40]

ii. wara li ħadet il-passi ordinarji fejn tkellmet mal-attur Anthony Attard – il-*contravenor*; fis-7 ta' Jannar, 2014 l-Awtorita' konvenuta bagħtet l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF 00364/13,[41] u, billi l-istess attur baqa' inadempjenti, proċediet bl-azzjoni diretta li ttieħdet nhar il-11 ta' Diċembru, 2015. Wara dan bagħtet il-kont numru 9092 bil-posta li ġiet riċevuta mill-attur Attard;[42]

iii. tali kont numru 9092 ġie mħejji b'referenza għad-dokument intern tal-Awtorita' konvenuta li jelenka l-uffiċjali tagħha nvoluti fl-azzjoni diretta kif ukoll il-vetturi utilizzati waqt l-azzjoni diretta u l-uffiċjali tal-pulizija u kuntratturi terzi li kienu msejjħa jassistu fl-azzjoni diretta;[43]

iv. l-ittra uffiċjali numru 437/2020 tal-20 ta' Ottubru, 2020 kienet preċeduta b'ittra legali mibgħuta mill-Awtorita' konvenuta nhar id-29 ta' Lulju, 2016 li kienet tindika kemm l-ammont mitlub da parti ta' l-Awtorita' konvenuta mingħand l-attur u r-raġuni wara l-istess talba kif ukoll li tali ittra kienet l-aħħar avviż qabel jinbdew proċeduri ġudizzjarji kontra l-attur.[44]

Tali proċedimenti meħuda mill-Awtorita' tal-Ippjanar konvenuta ġew fil-maġġor parti tagħhom ikkonfermati mix-xhud ulterjuri tagħha Charles sive Carmel Gafa' li żid ukoll jesibixxi in atti kopja ta' emajl datata is-7 ta' Jannar, 2016 mibgħuta mid-difensur legali tal-attur fejn l-istess kien qiegħed jiddikjara li, b'referenza għal-mandat ta' inibizzjoni li bih l-attur kien waqqaf l-azzjoni diretta tal-Awtorita' konvenuta, liema mandat kien appuntat għas-smiegħ għal dakinhar stess li ntbagħtet l-emajl; l-attur kien qiegħed jassumi l-obbligu li *jkompli jnaddaf* is-sit in mertu kif ukoll li *japplika ghal permess fuq il-bini li kien hemm qabel l-1978* b'dan li l-mandat ta' inibizzjoni jiġi talvolta ċedut.[45]

---

[40] Ref.: kopja tar-rapport a fol 44 sa 47.
[41] Ref.: Avviz a fol 64 u 65 bi prova tal-ircevuta tieghu mill-attur fil-forma tal-*pink card* tal-MaltaPost a fol 66.
[42] Ref.: kopja tal-kont numru 9092 flimkien mal-*pink card* tal-MaltaPost a fol 48 u 49.
[43] Ref.: dokument a fol 57 u 58.
[44] Ref.: ittra legali a fol 88 bi prova tal-ircevuta taghha mill-attur fil-forma ta' *pink card* tal-MaltaPost a fol 90.
[45] Ref.: kopja tal-mandat ta' inibizzjoni numru 49/2015 PC intavolat mill-attur kontra l-Awtorita' konvenuta u l-atti relattivi precedentement ezebiti mix-xhud Mark Cini a fol 52 sa 55 kif ukoll l-emajl tas-7 ta' Jannar, 2016 a fol 112.

Aktar tard, l-Awtorita' konvenuta, tramite xhieda ulterjuri tar-rappreżentant tagħha Mark Cini, esibit sensiela ta' dokumenti ulterjuri konsistenti f'fatturi maħruġa lilha mill-pulizija eżekuttiva ta' Malta kif ukoll minn kuntratturi terzi li assestewha fl-azzjoni diretta, *purchase orders* tagħha relattivi għall-inkarigar tal-istess pulizija u kuntratturi terzi, u prova ta' ħlas da parti tagħha ta' kull tali fattura maħruga lilha b'referenza għall-azzjoni diretta minnha meħuda fuq is-sit tal-attur kif ukoll fuq sit ulterjuri u ndipendenti mill-attur li kien, fl-istess jum tal-azzjoni diretta magħmulha fuq is-sit tal-attur – ossia nhar il-11 ta' Diċembru, 2015 – ukoll suġġett għall-azzjoni diretta.[46]

Tali dokumenti ġew spjegati tajjeb kemm mix-xhud Mark Cini kif ukoll mix-xhud ulterjuri tal-Awtorita' konvenuta Charles sive Carmel Gafa' u juru kif l-Awtorita' konvenuta, wara li wettqet l-azzjoni diretta fuq is-sit tal-attur u dak ta' terz kif fuq spjegat, elenkat is-sigħat tal-uffiċjali tagħha kif ukoll l-ispejjeż ta' trasport u dawk amministrattivi rekati minnha kif ukoll dawk minnha mħallsa lill-pulizija eżekuttiva ta' Malta u lill-kuntratturi terzi li assistewha fl-azzjonijiet diretti ta' nhar il-11 ta' Diċembru, 2015 u apporzzjonat l-istess billi – fit-teorija – qasmet l-ispejjeż ta' trasport tagħha nofs bin-nofs bejn l-attur u t-terz, irrekat l-ispejjeż tal-materjal inerenti maħruġ minn kull sit biss lis-sid tat-tali sit, mentri l-valuri relattivi għas-sigħat ta' operazzjoni meħuda fuq is-sit tal-attur u dak tat-terz mill-pulizija u l-kuntratturi terzi ġew, fuq deċiżjoni amministrattiva meħuda minnha, rekati in kwantu għal 40% a spejjez ta' l-attur u 60% u spejjez tat-terz tenut kont tas-sigħat ta' operazzjoni meħuda fuq kull sit.

Permezz ta' nota tagħha tas-17 ta' Settembru, 2024 l-Awtorita' konvenuta għaddiet imbagħad sabiex spjegat aktar approfonditament l-illegalitajiet riskontrati fuq is-sit tal-attur u li dawn kienu jikkonsistu fl-estensjoni tal-istrutturi li kienu eżistenti sal-1978 bi strutturi oħrajn kif ben indikati fil-*block plan* inkluż minnha ma' l-istess nota tagħha kif ukoll bid-disturbar ta' medda art ulterjuri li fuqha nxteħet materjal inerenti kif ukoll vetturi mkissrin.[47]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

---

[46] Ref.: dokuemtni varji a fol 138 sa 156.
[47] Ref.: nota a fol 176, *site plan,* sensiela ta' *aerial photos*, u *block plan* a fol 178 sa 184.

Magħmul tali riassunt tal-fatti saljenti li taw lok għall-kawża li waslet għal din id-deċiżjoni, din il-Qorti tibda sabiex tosserva li minkejja li l-attur, f'diversi stadji waqt il-ġbir tal-provi tiegħu partikolarment waqt il-kontro-eżamijiet tar-rapprezentanti tal-Awtorita' konvenuta, ittenta jestrapola li huwa seta' ġie arrekat spejjez li ma' jirriferux għal-xogħol magħmul mill-Awtorita' fuq is-sit tiegħu waqt l-azzjoni diretta billi ġew inklużi sigħat ta' operat ambigwi jew inadegwati; l-attur svesta kompletament ruħu milli jressaq lill-pulizija jew lill-kuntratturi terzi li assistew lill-Awtorita' konvenuta fl-istess azzjoni diretta tagħha sabiex jindaga dwar is-sigħat li l-istess individwi fil-fatt iffatturaw lill-Awtorita' konvenuta.

Da parti tagħha, l-Awtorita' konvenuta kienet u baqgħet konsistenti kemm dwar is-sigħat fatturati lilha mill-pulizija u mill-kuntratturi terzi, kemm dwar is-sigħat investiti fuq is-sit tal-attur mill-uffiċjali tagħha stess u kif l-istess jiġu kalkolati nkluż minn x'ħin jibdew jiddekorru sa x'ħin jieqfu jiddekorri, kif ukoll dwar kif apporzjonat l-ispejjeż varji kontra l-attur u t-terz li dakinhar kellu sit li kien ukoll suġġett għall-azzjoni diretta ndipendenti.

Hawn l-Awtorita' konvenuta spjegat tajjeb li kull meta jkollha bżonn tagħmel azzjoni diretta f'Għawdex hija tikkombina aktar minn azzjoni diretta waħda kemm sabiex jekk titwaqqaf mill-operat tagħha fuq sit partikolari permezz ta' mandat ta' inibizzjoni – kif gara fil-każ tas-sit tal-attur – ikollha fejn tibgħat lill-uffiċjali u kuntratturi tagħha fuq sit ieħor, kif ukoll sabiex iżżomm l-ispejjeż relattivi mat-trasport tal-ħaddiema, uffiċjali, u makkinarju neċessarju minn Malta għal Għawdex kemm jista' jkun baxx billi l-istess ikun apporzjonat bejn aktar min sid ta' sit wieħed.

Din il-Qorti kkunsidrat sewwa d-dokumenti kollha esibiti mill-Awtorita' konvenuta dwar l-ispejjeż relattivi għall-azzjoni diretta meħuda f'Għawdex nhar il-11 ta' Diċembru, 2015 ossia: [**i**] il-kont aħħari numru 9092 maħruġ lill-attur fit-28 ta' Marzu, 2016;[48] [**ii**] id-dokument dwar sigħat akkumulati mill-ħaddiema u uffiċjali varji – kemm dawk tal-Awtorita' stess kif ukoll dawk tal-pulizija u tal-kuntratturi terzi – involuti fl-azzjoni diretta meħuda dakinhar tal-11 ta' Diċembru, 2015;[49] [**iii**] il-fatturi maħruġa mill-pulizija eżekuttiva ta' Malta u l-kuntratturi terzi li assistew lill-Awtorita' konvenuta fl-azzjoni diretta tal-11 ta'

[48] Ref.: kopja ezebita mill-attur a fol 6 u ghal darb'ohra mill-Awtorita' konvenuta a fol 137.
[49] Ref.: dokument a fol 57 u 58.

Diċembru, 2015 flimkien mal-provi tal-ħlas relattivi magħmul lilhom mill-Awtorita' konvenuta,[50] u; [iv] id-dokument li juri l-apporzjonament tal-ispejjeż relattivi fil-konfront tal-attur[51] minn fejn tikkonkludi kif isegwi:

L-Awtorita' tal-Ippjanar apporzjonat is-sigħat investiti fl-azzjoni diretta mill-uffiċjali tal-pulizija u mill-kuntratturi terzi kif spjegaw ix-xhieda rappreżentanti tagħha ossia: billi arrekat lill-attur 40% tat-total fatturat mill-pulizija u mill-kuntratturi terzi lill-attur.[52]

Ciononstante, kuntrarjament għal dak li xehdu x-xhieda tal-Awtorita' konvenuta; ma' jirriżultax li l-ispejjeż tat-traġitt bejn Malta u Għawdex tal-vetturi tagħha ġew apporzjonati nofs bin-nofs bejn l-attur u t-terz li dakinhar tal-azzjoni diretta kontra l-attur kien ukoll suġġett għall-azzjoni diretta.

Dan jirriżulta ċar minn kumparazzjoni tad-dokumenti a fol 57 u 138 tal-proċess.

Id-dokument a fol 57 jelenka li dakinhar tal-azzjoni diretta – nhar il-11 ta' Diċembru, 2015 – l-Awtorita' konvenuta utilizzat żewġ vetturi bix-xogħol fuq is-sit tal-attur ġie fatturat mill-5am sal-11am.

Id-dokument a fol 138 imbagħad juri li z-żewġ vetturi ġew fatturati ghal-5.75 siegħa b'EUR4.08 fis-siegħa għal-total ta' EUR 46.92 li jirriżulta korrett skont il-ħin li tali vetturi ntużaw fuq is-sit tal-attur.

Iżda l-istess dokument a fol 138 juri wkoll li l-ispejjeż tal-vapur ta' Għawdex relattivi għall-istess żewġ vetturi u passiġġier ġew internament arrekati lill-attur fil-valur ta' EUR 4.65 u EUR 31.40.

Hawnhekk għalhekk għandu jsir tnaqqis ta' EUR 18.03 stante li x-xhieda rappreżentanti tal-Awtorita' xehdu li l-ispejjeż tat-traġitt bejn Malta u Għawdex kellu jiġi apporzjonat nofs bin-nofs bejn l-attur u t-terz.

Dwar l-uffiċjali tagħha stess, u kif jiġu fatturati s-sigħat tagħhom, l-Awtorita' ma' ressqet ebda provi. Mid-dokument a fol 138 jirriżulta iżda

[50] Ref.: fatturi, provi ta' hlas, u dokumenti ulterjuri a fol 139 sa 156.
[51] Dokuemnt a fol 138.
[52] Ref.: il-valuri fatturati mill-pulizija ezekuttiva ta' Malta u mill-kuntratturi terzi skont id-dokumenti a fol 139 *et seq vis-à-vis* il-kaxxa ntitolata *"Other Expenses"* fid-dokument a fol 138.

li fil-konfront tal-attur l-ispiża rigward dawn l-istess ġiet kalkolata fuq medda ta' 4.25 siegħa għal kull wieħed minn tlett uffiċjali b'rati varji skont il-grad ta' kull uffiċjal dakinhar preżenti waqt l-azzjoni diretta. Dan jirriżulta koncepibbli għal din il-Qorti stante li s-sigħat fatturati għall-uffiċjali tal-Awtorita' jikkumbacjaw mal-ħin li d-dokumenti u x-xhieda jindikaw li tulu l-uffiċjali kienu preżenti fuq is-sit ta' l-attur. Għalhekk tali kalkolu mhuwiex ser jiġi varjat.

Rigward imbagħad l-ispiża amministrattiva ta' 20% li x-xhieda rappreżentanti tal-Awtorita' konvenuta xehdu li tiġi kalkolata fuq it-total relattiv għall-ispejjeż diretta tagħha, netti min dawk tal-pulizija eżekuttiva u l-kuntratturi terzi; tali spiża trid ukoll tiġi revizjonata stante l-varjazzjoni magħmulha minn din il-Qorti rigward l-ispejjeż tat-traġitt bejn Malta u Għawdex tal-vetturi tal-Awtorita' konvenuta. B'dan li allura tali 20% sejjer jammonta għal EUR 59.92 minflok EUR 63.53 bil-VAT applikabbli fuqu ser ikun ta' EUR 10.79 minflok EUR 11.44 għal total allura kumplessiv limitatment għall-ispejjeż inkorsi mill-Awtorita' konvenuta biss fil-konfront tal-attur sejjer allura jkun ta' **EUR 370.33 minflok EUR 392.61**.

Mil-kumplament, il-kalkoli li waslu għal-kont numru 9092 mibgħut mill-Awtorita' konvenuta lill-attur kif jirriżultaw a fol 138 mhumiex sejrin jiġu varjati b'dan li għalhekk, it-total aħħari tal-kont mibgħut lill-attur għandu jaqra **EUR 2,198.02 minflok EUR 2,220.31**.

Dwar il-kwistjoni tal-apporzjonament ta' 40% kontra 60% da parti tal-Awtorita' konvenuta fejn l-attur ġie arrekat 40% tal-ispejjeż relattivi għall-assistenza tal-pulizija u tal-kuntratturi terzi a konfront tat-terz li dakinhar kien ukoll suġġett għall-azzjoni diretta li ġie arrekat 60%; għalkemm l-attur deher, fil-kontro-eżami magħmul lix-xhud rappreżentant tal-Awtorita' konvenuta, jikkontesta tali apporzjonament, naqas milli b'xi mod juri li tali apporzjonament ma' kienx ġust jew leali b'dan li din il-Qorti m'għandix raġuni u wisq anqas għandha xi nformazzjoni li tista' twassalha tiddisturba l-istess.

Tali punt m'huwiex, għalhekk, sejjer jiġi ssindikat ulterjorment.

Dwar imbagħad il-kwistjoni tal-illegalitajiet ta' bini persistenti fuq is-sit ta' l-attur, fejn l-Awtorita' konvenuta laqgħat għal-premessa tal-attur li l-istrutturi tiegħu huma kollha koperti bil-permessi neċessarji billi

eċċepiet li dan m'huwiex il-każ;[53] tali mertu, fil-verita' jista' jiġi meqjus bħala li jezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti skont it-talbiet miġjuba quddiemha bl-istanza li wasslet għal din id-deċiżjoni stante li l-istess talbiet huma limitati għal-kont maħruġ mill-Awtorita' konvenuta għal dak li għamlet dakinhar tal-azzjoni diretta u ma' jidħlux fil-mertu ta' l-eżistenza ta' permessi jew nuqqas ta' l-istess.

Madanakollu, in kwantu tul l-andament tal-proċeduri l-attur deher jittenta wkoll jestrapola li l-Awtorita' konvenuta setgħet inkludiet xi valuri fil-kont minnha mibgħut lilu dwar twaqqiegħ ta' strutturi li fil-fatt, kif jgħid hu stess, qatt ma' twaqqgħu,[54] tant li dan qanqal lix-xhud rappreżentant tal-Awtorita', Mark Cini, jgħid u jinsisti li l-Awtorita' iffatturat biss għal dak li għamlet u stante li ma' waqqgħet ebda strutturi ebda ammonti ma ġew fatturati għal xi xogħol ta' twaqqiegħ li ma sarx; huwa imperattiv li din il-Qorti teżamina wkoll jekk fil-kont mibgħut mill-Awtorita' konvenuta lill-attur ġewx inklużi xi valuri kif ittenta jallega l-attur – kwistjoni li taqa' prettament fit-talbiet magħmulha lilha mill-attur.

Mill-assjem tal-provi in atti jirriżulta ben ċar li tali kont jinkorpora fih biss dak magħmul mill-istess Awtorita' konvenuta – inkluż valuri minnha mħallsa lill-pulizija u kuntratturi terzi – li dejjem żammet ferma u kienet konsistenti f'li tgħid li minn x'ħin waslet fuq is-sit tal-attur sa x'ħin twaqqfet mill-ħidma tagħha waqt l-azzjoni diretta permezz tal-mandat ta' inibizzjoni magħmulha kontriha mill-attur laħqet biss neħħiet xi materjal inerenti mis-sit tal-attur, mingħajr ma' proċediet sabiex twaqqa xi strutturi.

Dan huwa kkonfermat ulterjorment mid-dokumenti ossia *site plan, aerial photos,* u *block plan* minnha esibiti bin-nota tagħha tas-17 ta' Settembru, 2024 minn fejn jirriżulta ċar dak li laħqet għamlet dakinhar tal-azzjoni diretta nhar il-11 ta' Diċembru, 2015 u jirriżulta għalhekk ċar li ebda strutturi ta' bini ma' ntmessew minnha.

Finalment, dwar dak li ppremetta l-attur li l-Awtorita' konvenuta m'għamlet ebda azzjoni ta' infurzar iżda kien hu li naddaf is-sit tiegħu;[55]

---

[53] Ref.: il-ħames premessa fir-rikors promotur tal-attur u r-raba' eccezzjoni fir-risposta tal-Awtorita' konvenuta.
[54] Ref.: il-ħames premessa fir-rikors promotur tal-attur fejn jghid espressament li *l-Awtorita' **riedet** li taghmel azzjoni ta' infurzar fuq razzett li kellu l-permessi kollha kif fil-fatt irrizulta tant li dan ghandu hemm sallum* – enfazi ta' din il-Qorti.
[55] Ref.: ir-raba' premessa tal-attur fir-rikors promotur tieghu.

jingħad li l-attur m'għamel ebda nsistenza fuq dak premess minnu f'dan ir-rigward tul il-ġbir tal-provi fil-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni fejn, minflok, deher jiffoka fuq il-kalkoli ta' sigħat u spejjez rreklamati mingħandu mill-Awtorita' konvenuta mingħajr qatt ma' reġa' allega li l-istess Awtorita' qatt ma' nfurzat l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF 00364/13 tas-7 ta' Jannar, 2014 permezz ta' azzjoni diretta.

Huwa għalhekk li din il-Qorti m'hi ser tagħmel ebda kunsiderazzjonijiet addizzjonali dwar dan il-punt ulterjuri li jirriżulta kemm mitluq mill-attur kif ukoll validament kkontestat mill-Awtorita' konvenuta.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-permess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż; tilqa t-talba tal-attur limitatament billi ma' tiddikjarax l-ammont mitlub mill-Awtorita' tal-Ippjanar konvenuta interament mhux dovut kif rikjest mill-attur iżda tnaqqas l-istess għal-ammont ta' **EUR 2,198.02**.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' din l-istanza jinqasmu in kwantu għal 90% għall-attur u r-rimanenti a karigu tal-Awtorita' konvenuta.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur